**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-71 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 10 ta' Marzu 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***<u>Preżenti</u>*** | ***<u>Membri</u>*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**71/01 Talba**

**71/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**71/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 70**

**71/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**71/03 Punti mtella' mill-Minuti 70**

**71/03/01** **Para 70/03/02:** Minkejja l-Kunsill irrisponda l-ahhar korrispondenza mill-WSC ghandna ma nafux meta dawn ser johorgu l-materjal etc. sabiex jinbeda x-xoghol tal-main tal-ilma fi Triq Fra D. Mifsud. L-Agent S.E. intalab ikompli isegwi.

**71/03/02** **Para 70/03/03:** Il-laqgħa mal-Ministru J. Mizzi saret. Rigward il-bini tal-culvert fi Triq San Gwann dan infurmana li regghet saret applikazzjoni lill-MEPA u x-xoghol ser jibda meta johrog il-permess. Rigward il-bini ta' Sqaq il-Hofra ġejna infurmati li hemm xi problemi bejn il-WSC u TM. Kif din il-problema tiġi solvuta TM ser jiehdu hsieb li jibnu u jiksu l-isqaq bit-tarmak. Il-Ministru wieghed ukoll li d-Dipt. tax-Xogholijiet ser jiehu hsieb iwettaq ix-xogholjiet fir-rahal li ilhom pendenti hafna.

**71/03/03** **Para 70/03/04:** Għandha tintalab laqgħa mal-*Paying Agency* rigward il-pagamenti li għad hemm pendenti fuq *Measure* 313. L-Agent S.E. intalab jaghmel appuntament kif ukoll isegwi il-bidu tax-xoghol fi Sqaq il-Mahruq taht Measure 125.

**71/03/04** **Para 70/03/07:** Green MT infurmawna li bhalissa spiċċawlhom il-boroż il-grizi ta' l-iskart reċikabbli. Ġie innutat ukoll li Green MT għadhom ma bagħtux l-ittra biex jiggedded il-kuntratt ghal sena.

**71/03/05** **Para 70/03/08:** Il-Kunsill ġie infurmat li s-sejħa għal Part-Time Clerk ħarġet internament. Jekk ma jkunx hemm min japplika għandha tinħareġ sejħa esterna.

**71/03/06** **Para 70/06/02**: Il-Kunsill ġie nfurmat li saret it-talba lill-Enemalta sabiex jehel il-cover mal-bozza fi Vjal ir-Repubblika.

**71/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**71/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**71/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**71/05/01** 18115060225656 Talba għal *patching* fi Triq tal-Ferħa. Ġie unanimament deċiż li tintlaqa din it-talba.

**71/05/02** 18115047225654 Talba biex jitwaħħal bank fil-Ġnien il-Paċi viċin Triq San Nikola. Ġie unanimament deċiż li din it-talba ma tintlaqax peress li fi Ġnien il-Paċi diġà hemm ħafna bankijiet.

**71/05/03** 18115030225130 Talba biex jinxtara madum halli tiġi irranġata bankina fi Vjal ir-Repubblika fejn gie żviluppat bini gdid. Ġie unanimament deċiż li tintlaqa din it-talba.

**71/05/04** 18115093225731 Talba biex jitnehhew il-linji sofor quddiem dar fi Triq San Ġwann. Ġie unanimament deċiż li din it-talba ma tintlaqax peress li jekk isir ipparkjar ta' vetturi jinholoq periklu ghat-traffiku.

**71/05/05** 18115087225822 Talba biex flok line isfar isir wieħed doppju quddiem dar fi Triq San Ġwann. Ġie unanimament deċiż li tintlaqa din it-talba.

**71/05/06** 18115010225823 Talba biex isiru traffic humps fi Triq 31 ta' Marzu. Ġie unanimament deċiż li din it-talba tiġi kkunsidrata aktar 'il quddiem.

**71/06** **Korrispondenza**

**71/06/01** Ġew innutati korsijiet mill-*LEAP Project* rigward *First Aid Training for Voluntary Organisations.*

**71/06/02** Ġew innutati *guidelines* mill-Bord tal-Governanza rigward *claims* ta' ħsarat fil-vetturi.

**71/06/03** Ġiet innutata li ser jiġi organizzat Seminar mill-LEAP Project "Komunitajiet Kreattivi".

**71/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**71/06/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew rigward reklamar fil-fuljett li ser jitqassam fid-djar kollha tar-rahal. Il-Kunsill unanimament qabel li jaghmel avviż dwar il-gbir tal-iskart.

**71/06/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana fejn il-Kunsill ġie nfurmat li r-Reġjun ser joħroġ sejħa għal tibdil u twaħħil ta' bozoz kif ukoll sejħa għal tiswijiet tal-kompjuters. Il-Kunsilli fir-Reġjun ser jingħataw 16-il siegħa servizz ta' gwardjani TMS fis-sena minghajr hlas.

**71/06/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Paul Gatt, Segretarju tal-ANSEK dwar il-mod kif tqassmu l-fondi għall-Proġetti Kapitali. Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali intalab ukoll jipprovdi kjarifika rigward tindif minn plots privati fil-lokalitajiet u ġbir ta' skart minn stabbilimenti kummerċjali.

**71/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**71/07/01** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li s-SKQS kien ser jorganizza harga u *buffet breakfast* fl-24 ta' Marzu 2015 fil-Lukanda Santana, il-Qawra.. Il-prezz ser ikun E8.50. Il-Kunsill unanimament approva din il-harga.

**71/07/02** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq abbozz tal-fuljett tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva dan l-abbozz u issa ser jintbaghat lill-Printer.

**71/07/03** Il-Kunsill unanimament approva li flimkien mal-Parrocca u l-Kumitat Tberik tal-Annimali jorganizza t-Tberik tal-Annimali fis-17 ta’ Mejju 2015. Il-Kunsill ser jiehu hsieb li jinġieb is-servizz tal-iscouts u t-tindif waqt l-attivita’.

**70/08** **Aġġornament**

**70/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.15 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 1 ta’ April 2015 fis-7:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **1 t’April 2015** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |